# AVVIŻI

1. Il-Ħadd 6 u 20 ta' Jannar 2002 fit-3.00p.m.
   Il- Ħadd 3 u 17 ta' Frar 2002 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Marzu 2002 fl-4.00p.m.
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' April 2002 fit-5.30p.m.

Ikun hemm transport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, c/o 16, Triq San Ġakbu, Siġġiewi.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: http://www.elanguest.com/girgenti/

**DIJKARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieħ mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 49 JANNAR 2002 JITQASSAM BLA ĦLAS



Dettal mill-inkwadru "Madonna tal-Konsagrazzjoni"

Il-Madonna kienet qalet lil Ġuża "Jiena kont ikkonsagrata lil Alla sa minn ċkuniti u dan it-titolu ħadd ma taħuli fid-dinja, imma għoġobni nniżżilulek jiena..."

Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jawgura l-isbaħ xewqat għal Sena Tajba mimlija mħabba u paċi lill-membri kollha tal-Moviment, lill-qarrejja ta' dan il-fuljett, lill-Maltin u 'l-Għawdxin kollha u 'l-proxxmu kollu. Jalla l-paċi tal-Mulej issaltan fuqna lkoll!

**PAĊI FL-ART LILL-BNEDMIN TA' RIEDA TAJBA**

**"Glorja lil Alla fil-għoli tas-smewwiet u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba." Hekk kantaw l-anġli meta dehru lir-rgħajja fil-lejl imqaddes tat-twelid tat-tarbija divina. Iżda aħna llum qegħdin nagħtu glorja lil Alla? Qegħdin ngħixuha il-paċi?**

F'messaġġ imwassal minn Ġuża Mifsud f'Jannar 1995 hija qalet hekk: "F'kuntatt li kelli

ma' Ġesu ta' l-Ewkaristija nhar il-Ġimgħa li għaddiet dana qalli li jisgħobih ħafna għad-dlam li hawn fid-dinja, anka f'Malta. Tant taħielna sabiħa t-tarbija divina l-Mulej Alla li ftit ilu għadna kemm fakkarna t-twelid tagħha. Dana Ġesu huwa l-prinċep tal-paċi... Il-Mulej Ġesu ta' l-Ewkaristija qiegħed jisgħobih ħafna li m'aħniex nistmgħu bħala prinċep tal-paċi, il-prinċep ta' l-imħabba, il-prinċep tal-ħniena... Ħadd ma jirrifletti fuq dik il-verità li Kristu ġie biex jagħti l-paċi lid-dinja, anzi ħafna jgħidu li lil Kristu ma jafuhx. Il-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija huwa l-prinċep tal-paċi, il-prinċep ta' l-imħabba ta'Alla, l-għaxqa tas-sema u l-art għal dawk li huma ta' rieda tajba"

F'diskors irrekordjat minn Ġuża Mifsud f'Lulju 1995 hija qalet li l-Mulej qalilha, "Jiena ġejt fid-dinja biex insalva d-dinja u nġib il-paċi, Jiena lil ħadd ma rrid inċaħħad il-paċi. Jiena ġejt għall-paċi u s-sliem fid-dinja kollha... Permezz ta' dawk l-affarijiet li għamel Missieri fis-sema li Jiena inżilt fid-dinja permezz ta' l-għażiża ommi u ommok il-Madonna, Jiena ġejt biex irreferejt għall-paċi, imma tant qegħdin iħammġuha dawn ir-rappreżentanti tal-ġnus b'dan il-qtil bl-addoċċ..."

Huma ħafna l-messaġġi li Ġuża tgħid li rċeviet mis-sema rigward l-istat ikraħ li tinsab fih id-dinja. Fosthom hemm il-messaġġ li ta San Ġużepp f'Settembru 1995 li qalilha: 'Għażiża Binti, il-qawwa tal-Mulej ippermettiet ħafna affarijiet sbieħ u divini. Fil-passat, meta konna fid-dinja aħna, jiena u s-Sinjura tal-Ħajja flimkien mal-Mulej Ġesu kif tgħid inti, kien hawn ukoll tħarbit u ħażen. L-għira waslet biex lill-Iben t'Alla li ġie biex jagħti l-paċi lid-dinja u jgħaqqad in-nies bl-imħabba, ineħħuh mid-dinja... F'dan iż-żmien id-dinja kollha għaddejja minn kalvarju kbir ta' dlam, ta' ħażen, nies bla ħniena, nies li jivvintaw id-dlam, il-gwerer, nies li minflok li jużaw il-ħniena bħal aħwa jużaw il-meżżi tal-kalvarju li għaddejja minnu d-dinja, strumenti kbar u koroh tal-gwerer, qed jitneħħew ħafna nies ta' qalbhom tajba, nies innoċenti iwarrbuhom minn nofs biex isaltnu dawn in-nies vjolenti, nies ta' qalbhom iebsa daqs il-bronż.

Itlob ħafna għall-bżonnijiet tal-Knisja, għall-bżonnijiet tar-rappreżentanti tal-Knisja b'mod speċjali għall-Papa. Ir-rappreżentanti tal-ġnus iduru kontra t-tajjeb, lit-tajjeb ma jistmagħuhx u qegħdin joqtlu u jwarrbu ħafna nies li huma ta' rieda tajba. Ħa ngħidlek li dawn l-affarijiet kważi qegħdin isiru kullimkien, fid-dinja kollha, għaliex ħadd minnhom ma jsejjaħ lill-kbir Alla, biex Alla jirrenja l-ewwel u qabel kollox imma ħa ngħidlek li ħafna minnhom lanqas jafuh.'

Irreferi ħafna għall-paċi, warrab minnek li qegħda fil-mard u żid il-kelma tal-



paċi. Il-Mulej Ġesu ġie fid-dinja biex iġib il-pa'i, l-għażiża Madonna qegħda tidher biex iġġib il-paċi fid-dinja. Kompli ppriedka ħafna fuq il-paċi. Ikkuntatjaw bejnietkom bħal aħwa biex tiġi l-vera paċi tas-sema, il-paċi ta' Alla u mhux dan it-tħarbit kollu li hawn fid-dinja: setet ħżiena, tħarbit tad-dimonju. Bħalissa l-qawwa ta' l-Infern qegħda fl-aqwa tagħha imma ngħidlek li b'daqshekk ma hu ħa jagħmel xejn. Itolbu u ishru intom il-Maltin li intom ta' rieda tajba, li intom magħqudin mal-Knisja Kattolika. Id-dinja fadlilha ftit ieħor f'dan it-tħarbit, fid-dlam li qiegħed iġib id-dimonju li qed jivvinta dawn il-gwerer u l-għawġ, iheġġeġ l-erwieħ ta' madwaru biex jagħmlu l-ħażen. Dak li qed jagħmel bħalissa tad-dlamijiet, iheġġeġ u jqajjem rieda ħażina f'dawk il-qlub iebsa li ma jridux jafu bl-imħabba t'Alla.'

F'messaġġ irrekordjat minn Ġuża f'Awissu 1995, hija tgħid li Ġesu qalilha li l-kalvarju li għaddejja minnu d-dinja, "Kollox huwa kaġun tad-dnub. Il-bniedem issupervja, il-bniedem qed joħodha kontra r-rieda tal-kbir Alla, kontra l-Imħabba Tiegħi. Jiena tant ħabbejtu 'l-bniedem u għadni nħobbu saż-żmien imqaddes minn tallum, qiegħed fit-tabernakli tad-dinja kollha nistenna lil dawk l-erwieħ midinbin, lil dawk l-erwieħ imbegħdin, lil dawk in-nies li jirrapreżentaw lill-ġnus li tant huma qliel, li tant huma vjolenti, li tant ma jaħsbux fl-imħabba tal-Missier Etern li qiegħed fis-sema, ma jaħsbux fl-Imħabba Tiegħi. Jiena issa qiegħed fis-sema fil-glorja tal-Missier Etern imma anka ninsab fit-tabernakli tad-dinja, kemm jekk inhuma sinjuri u kemm jekk inhuma fqar, nistenna l-midinbin, nistenna lil dawk li huma lsiera, ikkundannati, dawk li huma vjolenti, dawk li ma jirreżistux f'qalbhom li jerħu l-ħażen biex il-kbir Alla jaħfrilhom il-ħażen tagħhom, u jikkonvertu. Għalhekk qiegħed Jiena fit-tabernakli kollha tad-dinja. Jekk jista' jkun din is-silta u dana l-kumplament tal-messaġġ li jkompli ma' ta' Ommi Marija mhux ixxandru f'pajjiżek biss, imma kemm jista' jkun xandru mad-dinja kollha.

Jiena nixtieq li bħalma fil-passat inti kont tikkonsagra dawk id-djar lili u lil Omm għażiża Tiegħi, hekk id-dinja kollha nixtieqha jiena li tkun ikkonsagrata taħt l-għajnejn tal-Mulej Alla Missieri, li qiegħed fis-sema isaltan u taħt il-protezzjoni Tiegħi u ta' l-Omm Tiegħi, jiġifieri li tkun ikkonsagrata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu u lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija."

Nagħlaq b'appell li kienet għamlet Ġuża fil-laqgħa ta' Novembru 1995. Hija qalet, "Nitolbu u nishru biex Alla l-Missier flimkien ma' Ibnu Ġesu kemm fil-glorja Tiegħu fis-sema u kemm fit-tabernakli tad-dinja, flimkien ma l-imħabba

divina ta' l-Ispirtu s-Santu u l-għażiża ommna Marija Santissima, flimkien ma' l-imqaddes għarus tagħha San Ġużepp, jagħtuna l-barka tas-sema biex traxxax fuqna nida ta' mħabba, ta' sliem u ta' paċi għalina l-Maltin u għad-dinja kollha.

Jiena kull naqra ħin li jkolli ngħaddih fil-meditazzjoni jew ma' Ġesù ta' l-Ewkaristija jew fil-kuruna jew noffri t-tbatijiet kollha li joħorġu mill-qalb lil Alla għal dawk in-nies li huma mingħajr Alla għaliex dawk li jagħmlu affarijiet ħziena ma jkunux jirriflettu fuq l-imħabba t'Alla. Dawn ma jkunx jimpurthom li jċappsu jdejhom bid-demm ta' ħuthom stess. Nitolbu lill-kbir Alla biex jekk Alla jrid tfiġġ il-qawsalla tal-paċi li tagħtina l-paċi f'Malta u fid-dinja kollha u li din il-paċi tibqa' għal dejjem. Jiena nixtieq li nħaddnu lil xulxin bil-paċi. Ikun imfaħħar Ġesu Kristu."

**Dr. Sylvana Spiteri**

O Marija, Sultana tas-Sema u ta' l-Art, Inti fissirt aktar minn darba x-xewqa li tara d-dinja kkonsagrata lill-Qalb Tiegħek bla tebgħa. Imqanqal minn din ix-xewqa tiegħek f'riġlejk ninxteħet u nikkonsagra ruħi Lilek.



Nagħtik qalbi, ruħi u ħajti kollha biex inkun kollni tiegħek; u agħmel minni "Qaddejja tal-Mulej" bħalek. Nitolbok tħares il-Knisja mqaddsa t'Alla, il-Gżejjer tagħna, lili, il-familja tiegħi u l-bnedmin kollha. Għinni ngħix ħajja kkonsagrata Lilek biex ikun jisthoqqli mewta tajba u l-ħajja ta' dejjem. Amen.

*Tliet Ave Marijiet.*



# GRAZZJI MAQLUGĦA

**N.N. minn Ħal Tarxien:** Jiena nixtieq nirringrazzja ħafna lil Alla tal-grazzja li qlajt bl-inter'essjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud. Jiena fiqt minn infezzjoni li kien ili ħafna nbati biha.

**M. Galea mill-Marsa** tirringrazzja lil Alla u lill-Madonna għaliex bl-inter'essjoni ta' Ġuża Mifsud hija għamlet operazzjoni f'irkobbtejha t-tnejn u din l-operazzjoni rnexxiet.

**N. Baldacchino minn Ħal-Qormi** kien spiss jidħol l-isptar għal kura. Talab lill-Madonna biex ma jkollux bżonn imur aktar l-isptar u l-grazzja ġiet maqlugħa.

**Pauline Mercieca minn Birżebbugia** kienet muġugħa ħafna f'irkobbitha. Waqt il-laqgħa ta' Mejju sar talb għall-bżonnijiet tagħha u l-għada t-Tnejn kienet normali. Pauline tirringrazzja lill-Madonna.

**Waqt il-laqgħa ta' April 2001 Albert** stqarr li l-Madonna kienet qalgħetlu żewġ grazzji, waħda materjali u l-oħra spiritwali. Huwa qal li kien marid b'qalbu u kien kważi qed imut. It-tabib kien qallu li jridu jibdlulu żewġ valvijiet għaliex kienu qegħdin jillikjaw id-demm. Kull ftit passi li kien jagħmel kien ikollu jieqaf għax jaqta' nifsu. Ġie l-Girgenti jitlob lill-Madonna u f'daqqa ħass xi ħaġa f'qalbu u ħass li kien ġej għall-aħjar. Meta reġa' mar għand it-tabib, dan sabu imfejjaq u mill-eżamijiet li saru sabulu kollox tajjeb.

Barra minnhekk Albert kien jidgħi ħafna bil-Madonna iżda llum tant sar jemmen fiha li waqaf mid-dagħa.

**N.N.** tirringrazzja lill-Madonna għall-grazzja li qalgħet it-tifla tagħha li sabet xogħol. Hi telgħet il-Girgenti tgħid ir-rużarju b'ringrazzjament lill-Madonna.

**N.N. mis-Siġġiewi** kitbet hekk: Jiena tifla ta' għaxar snin mis-Siġġiewi. Mill-qalb żgħira tiegħi nixtieq nirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti għaliex tlabtha żewġ grazzji u qalgħathomli t-tnejn!

L-ewwel waħda kienet li kelli mija u ħamsa deni. Għall-ewwel darba f'ħajti jiena għamilt wegħda mal-Madonna tal-Girgenti u bis-saħħa tagħha, jiena ma mortx l-isptar u għaddieli kollox.

It-tieni waħda kienet li jiena tlabt lill-Madonna tal-Girgenti biex ngħaddi mill-eżamijiet. Issa mhux talli għaddejt mill-eżamijiet, talli ġejt l-ewwel!

Mill-qalb nixtieq nirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti, ta' dak kollu li għamlet miegħi.

**C.B. minn tas-Sliema** kitbet hekk: Nirringrazzja lil Alla u lill-Madonna tal-Girgenti u lil Ġuża Mifsud għall-grazzja li qlajt. Is-sena l-oħra, wieħed mill-ex-ġirien tiegħi kien korra gravi. Kien fl-ITU u kien fil-periklu tal-mewt. Meta mort narah hadtlu laptu tal-Madonna tal-Girgenti u l-ilma tal-Girgenti li tajtu lill-martu sabiex tagħmilhulu fuq moħħu. Wara ftit ġranet beda jiġi għall-aħjar u wara ftit xhur ħareġ mill-isptar. Illum il-ġurnata jinsab id-dar u kull ma jmur dejjem ġej għat-tajjeb. Għandu bżonn ftit talb ieħor sabiex jiġi jara sew.

F'ismi u f'isem il-ġirien, nirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti għall-grazzja kbira li tat lil Gordon li reġa' rritorna d-dar ma' martu, it-tifel u l-ġenituri tiegħu.

**L.M. mill-Pieta** qaltilna: Nixtieq nirringrazzja lill-Madonna tal-grazzja li qalgħatli fuq it-tifel. Kellu virus f'wiċċu iżda fieq minnu u ġie normal. Din il-grazzja qlajtha bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni li dejjem qalgħatli l-grazzji li tlabt fuq it-tfal.

**M.D.** tirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u lil Ġuża Mifsud għall-grazzja maqlugħa.

**M. Mifsud** qaltilna li kellha problemi serji fil-pajp tan-nifs. Bl-għajnuna t'Alla u tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni issa tinsab tajba ħafna u tista' titkellem normali.

**M. Mifsud** jirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni għaliex kien ibati mill-ġebla. Meta mar l-isptar għat-testijiet, il-ġebla dehret fl-X Ray, iżda meta tela' għall-operazzjoni irriżulta li l-ġebla ma kienx għadha hemm.

**M. B. minn Raħal Ġdid** kitbet hekk: Għamilt perjodu twil mhux ħażin f'qagħda finanzjarja ta' kriżi. Kelli dipressjoni qawwija fuqi, mard, kontijiet u elf ħaġa oħra. Tlabt lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u għamilt kemm stajt biex inxerred devozzjoni lejha. Illum mhux qegħda ngħum fil-liri imma ħriġt mill-qagħda li kont fiha. Grazzi lill-Madonna li semgħet it-talb tiegħi.

**D. Z. miż-Żejtun** kitbet hekk: Ommi qamet filgħodu b'rasha tuġagħha ħafna. Ċempilt lit-tabib u bżajt li jgħidli xi ħaġa mhux tas-soltu. Ftit qabel kont qed naqra 'Leħen il-Girgenti' u tlabt lil Ġuża Mifsud. Wara jumejn ommi kienet mhux ħażin.

**M. Zammit minn B'Kara** kitbet li trid tirringrazzja lill-Madonna u lil binha Ġesu għall-grazzja kbira li qalgħet. Hija tirrakkonta hekk: Meta nżilt mill-karozza tal-linja u kont tiela l-bankina, jiena waqajt. Sieqi ġiet milwija taħti u dahri kien imiss mal-karozza.

Fuq dan l-istage issoltu ma jkun hemm ħadd, la biex jitla' u lanqas biex jinżel. Għalija kienet grazzja kbira li dakinhar kien hemm ġuvnott. Waħdi ma stajtx inqum u dan il-ġuvnott qabadli idi u beda jiġbed biex jien inqum. Kieku ma kienx għal dan il-ġuvnott żgur li l-karozza kienet tmissni.



Meta qomt jiena bqajt sejra fejn kont sejra. X'ħin kont bilqegħda sieqi bdiet tintefaħ. Erġajt mort lura d-dar, kelli nirkeb żewġ karozzi. Ġibt it-tabib u dan qalli li kelli xi ksur fl-għaksa. Meta ħaduli l-X Ray sabu li kelli xi ligaments maqtugħa u għamluli l-ġibs. Wara sebat ijiem neħħewli l-ġibs. Bħalissa qegħda nistrieħ imma nħossni ħafna aħjar.

**G. Mejlak mill-Munxar** kitbet hekk: Jiena u l-familja tiegħi rridu permezz tal-fuljett 'Leħen il-Girgenti' pubblikament nirringrazzjaw lil Alla u lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni għall-grazzja li tawna rigward il-fejqan ta' ommi.

Ommi kellha l-kliewi ma jiffunzjonawx tajjeb. Minn ġol-kliewi beda joħroġ mhux biss il-ħażin imma t-tajjeb ukoll. It-tabib taha pinnoli għall-kliewi imma bħala side effects dawn tellgħulha l-pressjoni b'mod allarmanti tant li t-tabib bagħatha mmedjatament l-isptar. Kellha emoraġija fil-pulmun, beda ħiereġ id-demm minn ħalqha u anka tilfet il-memorja għal ftit jiem.

L-ispeċjalista tal-kliewi qalilna li l-kliewi ma jfiqux imma jorqdu. Allura aħna ħsibna li mhix se tfieq. Meta kien jittestjahomlha kien joħroġ ħafna swidija minnhom.

Aħna bdejna nitolbu ħafna lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni permezz tar-rużarju u tal-Kurunella u għamilnielha kuljum l-ilma minn tal-Girgenti.

Għaddew erba' xhur u meta t-tabib tal-familja testjalha l-kliewi sabhom ċari. It-tabib stagħġeb u lil ommi qalilha, "Mur Lourdes u rringrazzja lill-Madonna għax dan miraklu."

Wara xi ħmistax, l-ispeċjalista tal-kliewi ttestjahomlha hu wkoll. Meta ħareġ ir-riżultat ċemplilna malajr u qalilna, "Ir-riżultat ħareġ. Għandha l-kliewi ċarissimi, l-ebda traċċa ta' xejn ma baqa'. Dan miraklu."

Għaddiet minn iżjed esperjenzi koroh, huwa mpossibbli li nsemmi kollox.

Aħna rridu nirringrazzjaw lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni li semgħet it-talb tagħna u nuru lil kullmin jaqra l-fuljett kemm il-Madonna tagħti widen għat-talb tagħna meta nduru lejha. Grazzi Madonna.

**G. Azzopardi minn B'Kara** tirringrazzja lill-Madonna għall-grazzja kbira li qalgħet bl-interċessjoni tagħha.

**C. B.** tirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti għall-grazzja li qalgħet. Ir-riżultati li tawha mill-isptar kienu tajbin.

**N. N.** tirringrazzja lill-Madonna tal-grazzja spiritwali li qalgħet fuq żewġha.